


# MALETH

ESTABLISHED 1946

1644-
1723




# Maleth

bil-kollaborazzjoni tas-segretarjat parlamentari għall-kultura, arti u zgħażagħ tippreżenta

# Questi Fantasmi

(Dawk l-Imbierka Lħirsa)

kummiedja ta'
*Eduardo de Filippo*

maqluba għall-Malti minn
*Adrian Stivala*

direzzjoni
*Dominic Said*

*Teatru Manoel*
*5 u 6 t'April 1997*





Wara 26 sena, **Narcy Calamatta** reġa qed jaħdem mal-Maleth. Fil-bidu tas-sittinijiet Narcy idderieġa diversi xogħolijiet mal-Maleth u aktar tard ġie maħtur segretarju. Introduċa ix-xogħolijiet ta' Neil Simon bħal *"Ħafjin fis-Silġ"* u *"Tlett Anġli"*. F'għeluq il-25 anniversarju tal-Maleth Narcy idderieġa il-kummiedja ta' Gino Muscat Azzopardi *"Birthday Party"*. L-istilizzazzjoni f'dan ix-xogħol kienet novita' li tat spinta lill-palk Malti. Narcy mhux ġdid għax-xogħolijiet ta' De Filippo. Huwa kien fil-produzzjoni memorabbli ta' *"Filomena Marturano"* flimkien ma Karmen Azzopardi.



**Philip Mizzi** ilu involut fix-xena teatrali sa mill-1980. Minn dak iż-żmien huwa ħa parti f'numru kbir ta' xogħolijiet mal-kumpaniji ewlenin ta' Malta. Mal-Maleth Philip ta' sehmu f' *"X'se tagħmel Giacomino"*, *"Fula Maqsuma"*, *"Id-Daddy"* u *"Iħirsa"*, fost oħrajn. Philip kien involut ukoll fi produzzjonijiet televizivi bħall- *"Aħn' Aħna jew M'aħniex"*, it-teledramm *"Wirt"* u *"Triq Waħda"*.



**Anna Cachia** temmet l-istduji teatrali tagħha fl-MTADA fl-1988. Fl-istess sena ġiet mogħtija scholarship fl-irreċtar f'Perugia. Minn dak iż-żmien hija ħadmet diversi partijiet prinċipali f'xogħolijiet bħal *"The House of Bernarda Alba"*, *"Crimes of the Heart"* u *"The Proposal"*, u numru ta' pantomimi li jinkludu *"Sleeping Beauty"* u *"Alibaba"*. Fl-1992 Anna ifformat parti mill-grupp li irrappreżenta lil Malta f'Moscow. Hija ħadment għall-ewwel darba mal-Maleth ftit ġimgħat ilu fil-kummiedja *"IllumSraqt il-Bank"*. Dan l-aħħar Anna ħadet sehem fis-serje popolari televiżiva *"Issa Naraw"*



Minn żmien għall-żmien, **Zep Camilleri,** joħroġ minn wara l-kwinti, jilbes il-kostum u jkollu jagħmel dak li jgħidulu. Zep ħadem għal diversi snin fil-produzzjoni ta' programmi edukattivi għar-radju u televiżjoni. Fil-qasam teatrali Zep idderieġa għadd ta' musicals li kisbu suċċess bħall-*"Bastilja"*, *"Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika"*, *"Qtil Ġo Venezia"*, *"Inez Farrug"* u *"Erwieħ"*, fejn Debbie Scerri ħadmet il-parti prinċipali.



**Manuel Cassar** ilu involut fix-xena ta' l-ispettaklu għal diversi snin. Ħadem ma għadd ta' kumpaniji fosthom Mask, M.A.D.C., Koperatturi u Maleth. Matul dan iż-żmien huwa ħadem f'diversi xogħolijiet mal-Maleth fosthom fl-operetta *"Il-Farfett il-Lejl"*, *"Mid-Dwana Jgħaddi Kollox?"*, *"Studio Flat Għall-Kiri"* u *"Il-Campiello"*. Manuel huwa ukoll involut fix-xena ta' radju u televiżjoni. Reċentement huwa rebaħ l-ewwel post fil-premijiet ta' l-Awtorita' tax-Xandir fil-kategorija tal-"Programmi għat-tfal" permezz tal-programm ta' Radju Malta *"Drama għat-Tfal"*.



**Mary Rose Bonello** idebbuttat fl-1952 fl-eta' ta' tmintax-il sena fil-paly *"Alfredo Alfredo"*. Fl-1960 hija ħalliet il-palk biex tkun tista' tieħu ħsieb il-familja, iżda fl-1976 reġgħat lura fit-teatru permezz tad-dramm *"Mad Woman of Chamellot"* ma' l-M.A.D.C. Fl-1977 hija ħadmet il-parti ta' Rożi fis-serje popolari *"Wenzu u Rożi"* li ixxandar fuq it-televiżjoni. Mal-Maleth Mary Rose ħadmet f'diversi produzzjonijiet bħal *"M'Intix Miżżewweġ, Mela Buffu"*, *"X'se Tagħmel Giacomino"*, *"Hekk Jidhirlek Mela Hekk Hu"*, *Għasfur taċ-Ċomb"*, *"Qisni Dundjan Għall-Qatla"* u l-aktar reċenti f' *"Il-Campiello"*.



**Karen Magro** għadha kif spiċċat il-kors tad-DUTP (ex-MTADA) fejn fost l-oħrajn ħadmet *"The Trojan Women"*, *"Taming of the Shrew"* u *"Yerma"*. Din hija l-ewwel darba li Karen qed taħdem ma kumpanija barra mill-istudiji tagħha. Naturalment dan jgħinha ferm biex tkompli tikseb esperjenza valida għall-karriera tagħha.



**Dominic Said** hu gradwat mill-Universita ta' Malta fit-teatru u l-komunikazzjoni. Bħalissa qed ikompli l-istudji tiegħu fil-qasam tal-istudji soċjali. Dominic firex it-talenti artistiċi tiegħu f'bosta oqsma li jinkludu l-preżentazzjoni, id-direzzjoni u ix-xandir. Dan l-aħħar ingħata l-premju mill-awtorita' tax-xandir għall-aqwa programm fil-qasam ta' l-ispettaklu kif ukoll premju ieħor mir-Radju ta' l-Universita' għall-kitba satirika. Reċentement Dominic ġie ikkummissjont mill-P.B.S. biex jikteb l-ewwel teleserial bil-Malti għat-tfal.

## *Questi Fantasmi*

| | |
|---|---|
| Baskal Lojacono *(ruħ qed tbati)* | **Narcy Calamatta** |
| Maria *(ruħ mitlufa)* | **Karen Magro** |
| Fredu Marigliano *(ruħ bla sabar)* | **Zep Camilleri** |
| Armida, martu *(ruħ imnikta)* | **Anna Cachia** |
| Silvia, binthom *(ruħ safja)* | **Leeandra Mizzi** |
| Turu, binhom *(ruħ safja)* | **Keith Fenech** |
| Rafel, purtinar *(ruħ indannata)* | **Philip Mizzi** |
| Carmena, ohtu *(ruħ mitlufa)* | **Mary Rose Bonello** |
| Gastone Califano *(ruħ ħielsa)* | **Manuel Cassar** |
| Saverio Califano *(ruħ inutli)* | **Louis Mercieca** |
| Maddalena, martu *(ruħ inutli)* | **Rina Camilleri** |
| Zewg Burdnara *(erwieħ ikkundannati)* | **Ray Sammut**<br>**Andrew Attard** |
| Il-Professur Santanna *(ruħ inutli)* | **Ruh li ma tidher qatt** |
| Traduzzjoni | **Adrian Stivala** |
| Direzzjoni | **Dominic Said** |

**L-azzjoni sseħħ f'Napli fi tmiem is-snin erbgħin**

*Ikun hemm żewġ intervalli ta' ħmistax-il minuta l-wieħed*

*Wara l-kwinti*

| | |
|---|---|
| Direttur tal-palk | **Frank Tanti** |
| Assistenti | **Dorraine Ruffini,**<br>**Carlo Forte** |
| Disinn u bini tas-sett | **Frank Tanti,**<br>**Ian Giordimaina** |
| Props | **Alan Fenech** |
| Dekor | **Joe Fenech** |
| Effetti Specjali | **Alec Massa** |
| Konsulenta tal-Kostumi | **Terry L. Bencini** |
| Kostumista | **Nadya Depasquale** |
| Irtokk | **Rita Borg Carbott** |
| Parrukkiera | **Lucianne Pace** |
| Pubblicita' | **Manuel Cassar** |
| Programm | **Alec Massa, Printcare** |
| Mastrudaxxi | **Emmanuel Dalli,**<br>**Frans Mifsud** |
| Dawl | **Vanni Laus** |
| Audio | **John Bruno** |
| Booking Clerk | **Michelle Mangion** |

**Maleth tixtieq trodd ħajr lil:-**

Gingell Littlejohn
Auctioners/Appraisers
43, Triq il-Katidrall, Sliema



# WE LIGHT UP

Malta's most beautiful houses

SPLENDOR

48, ZACHARY STREET
VALLETTA . VLT 04
MALTA
Tel: 220336



INFOCUS PROMOTIONS TEL 435978 099 6793



CORAL SPRING BATHROOM SUITE

Contemporary fashion with a distinctive signature



*Complete Coordination*

**The Bathroom Collection**

*from*

RAM BATHROOMS

BRITISH MADE

*Sole Agents:*

**Grech's Ltd.**
BATHROOM SUPPLIES

154, St. Sebastian Street, QORMI QRM 07. Tel: 487015/448298
97, Naxxar Road, BALZAN BZN 11. Tel: 441367
Grech Stores, L-Iklin Road, LIJA. Tel: 418053



Fix-xogħolijiet kollha ta' Eduardo de Filippo insibu li l-umoriżmu mhux biss teknika ta' kummidjant iżda viżjoni sħiħa tal-ħajja. Eduardo kien jgħid,*"L-umoriżmu huwa il-parti qarsa tad-daħka - id-diżappunt tal-bniedem li fin-natura tiegħu huwa ottimist."* Inkiteb ħafna dwar il-pessimiżmu f'dan l-awtur, il-pożizzjoni kritika tal-bniedem u l-kundanna tiegħu fuq is-socjeta', imma ftit kienu dawk li fittxew għaliex dawn l-elementi huma daqstant evidenti fil-kitbiet tiegħu. Sa mill-1940 Eduardo wera il-karattru veru tiegħu li joħroġ ċar fix-xogħolijiet teatrali li kiteb. Fin-natura intima tiegħu Eduardo huwa ottimist iżda huwa diżappuntat mill-ipokrezija, l-inġustizzji u l-konformiżmu tas-soċjeta'. Il-kritiċi spiss iddefinew lil Eduardo bħala "misantropu" - bniedem li jistmerr is-soċjeta', kemm personalment kif ukoll kif ippersonifikat fil-kitbiet tiegħu. Eduardo jirribatti dawn l-allegazzjonijiet u jgħid li hu iħobb lin-nies ta' madwaru u li il-kitbiet tiegħu huma xhieda ta' kemm hu jixtieq jersaq aktar qrib tas-socjeta', li jikkomunika mal-pubbliku u li miegħu jaqsam ħsibijietu. Din l-attitudni turi kemm Eduardo huwa konvint li hemm bżonn ta' komunikazzjoni vera bejn il-bnedmin. Il-personifikazzjoni ta' Eduardo ma tbatix mill-misantropija iżda mis-solitudni u huma dawk ta' madwaru li jġibuh f'dan l-istat. Huwa iħossu waħdu għax jinstab imdawwar minn bnedmin mitlufin fix-xeħħa, l-egoiżmu, u l-ipokrezija.

---

*F'dan ix-xogħol ta' De Filippo ipprruvajt naħdem fuq il-komplessita' tal-karattri. Kull wieħed juri id-djufija, ir-rgħiba, is-suppervja u dak kollu li jagħamel il-bniedem - il-limitazzjonijiet tiegħu. Flimkien ma dawn użajt is-sett, id-dawl, il-ħsejjes u il-kostumi biex noħloq effett ta' fantażmi reali - fantażmi li fl-aħħar mill-aħħar nistgħu inkunu aħna stess fil-purgatorju ta' din id-dinja, nissieltu biex nibqgħu fil-wiċċ. Fuq kollox tinsewx li din hija kummiedja u is-sitwazzjonijiet umoristiċi ma jonqsux. Nittama li tieħdu gost.*

*- Dominic Said*




# THE BUDGET SPACESLEEPER



*For the customer that wants the sleeping qualities of a Cellstar mattress with a traditional divan base the Budget Spacesleeper should be your choice.*

*The Budget Spacesleeper is available with mattresses of Cellstar firmness rating 6 or 7, which when combined with the firm top of the base will give outstanding long life support.*

*The top quilting section consits of five separate layers, each of which adds to the luxurious initial comfort feel of your Cellstar mattress.*

*The main comfort zone is supplied by the novel wave pattern of the first foam layer. This wave pattern allows your body to relax into the mattress thus helping the micro-cellular structure to follow the body's natural contours.*

*The central core of Cellstar foam aids air-circulation and accentuates the luxurious contours of comfort that the mattress provides.*

*The final Cellstar foam layer provides the support by means of its solid shape. As you apply pressure to the mattress it is the firm layer that pushes back to hold your spine in the correct straight alignment that is vital for healthy restful sleep.*

**VITAFOAM LIMITED**

UB-9 San Gwann, Industial Estate, B'Kara - Tel: 484992/3 Fax: 488880

334, St.Paul's Street, Valletta - Tel: 238163

deptstoredeptstoredeptstoredept

# BIG BON